**<u>Minuti tal-Laqgħa Nru 2 tas-Sitt Kunsill Lokali tal-Mosta li saret fl-Uffiċċju tal-Kunsill, Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta, nhar il-Ħamis 12 ta' April 2012 fis-7.30 p.m.</u>**

Il-laqgħa bdiet fis-7.37 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxa l-laqgħa tal-Kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Shirley Farrugia | 7.37 p.m. | 10.30 p.m. |
| Vici Sindku Joseph De Martino | 7.37 p.m. | 10.30 p.m. |
| Kunsillier Alexander Muscat | 7.37 p.m. | 10.30 p.m. |
| Kunsillier Abraham Bezzina | 7.37 p.m. | 10.30 p.m. |
| Kunsillier Dr Rachel Tua | 7.37 p.m. | 10.30 p.m. |
| Kunsillier Mario Sammut | 8.15 p.m. | 10.30 p.m. |
| Kunsillier Kirby Fenech | 7.50 p.m. | 10.30 p.m. |
| Kunsillier James Cassar | 7.37 p.m. | 10.30 p.m. |
| Kunsillier Keith Cassar | 8.20 p.m. | 10.30 p.m. |
| Kunsillier David Meilak | 7.37 p.m. | 10.30 p.m. |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 7.37 p.m. | 10.30 p.m. |

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv , is-Sur Philip Borg kien preżenti għal-laqgħa.

**1.0 Approvazzjoni tal-Minuti**

1.01 Il-minuti tal-laqgħa Nru 1 ġew approvati.

1.02 Il-Viċi Sindku is-Sur Joe De Martino għamel suġġeriment biex kopja tad-dekasteri tal-Kunsilliera tiġi annessa mal-minuti tal-laqgħa Nru 1.

1.03 Dwar il-ħatra ta' responsabilitajiet lill-Kunsilliera is-Sindku qalet li dawn għandhom jibqgħu dawk kif elenkati fl-Agenda tal-laqgħa Nru 1.

1.04 Il-Kunsilliera Alex Muscat u Dr Rachel Tua tkellmu dwar ir-responsabilitajiet mogħtija lilhom fejn Dr. Tua qalet li tħoss li b'xi mod tista' tagħti aktar kontribut lill-Kunsill. Il-Kunsillier David Meilak qal li qed jieħu pjaċir jisma' dan il-kliem għax b'hekk il-kunsilliera Dr Tua tista' tkun ta' aktar għajnuna u kontribut lill-Kunsill. Ġie miftiehem li Dr Tua taqsam ma' Dr Farrugia r-responsabbilitajiet ta' l-indafa pubblika u s-separazzjoni ta' l-iskart.

**2.00 Materji Finanzjarji**

2.01 Is-Sindku qalet li sa laqgħa oħra l-Kunsill ikun irċieva rapport mingħand l-Accountants D Consulta fejn dan ikun jiġbor fih l-Accounts sa l-aħħar ta' Marzu 2012. B'hekk il-

Kunsill ikun f'pożizzjoni li jkun jaf dwar l-istat finanzjarju kif beda l-Kunsill il-ġdid mill-1 ta' April 2012.

2.01 Is-Sindku qalet ukoll li wara t-3 ta' Mejju 2012 l-awdituri ikkommissjonati mill-Gvern ikunu lestew ir-rapport tagħhom dwar il-finanzi sa l-aħħar ta' Diċembru 2011 u jistgħu jibagħtuh lill-Kunsill.

**3.00 Korrispondenza**

**3.01 Tneħħija ta' periklu u tisbiħ fl-inħawi ta' Triq San Pawl tal-Qlejja.**

Intbagħtet email mill-Kunsill Lokali lill-Perit David Vassallo dwar tisbiħ li jista' jsir fl-inħawi tal-kappella ta' San Pawl tal-Qlejja, cioe il-parti ta' Triq il-Kbira li tagħti għall-Mġarr . Hawn ġie mitlub li jsiru l-bankini fuq iż-żewġ naħat tat-triq u jitneħħew xi siġar li llum qed ikunu ta' periklu għal min ikun irid juża t-triq.
Il-Perit David Vassallo irrefera t-talba tagħna lil-Perit Lorraine Cassar, il-persuna fi Transport Malta b'dawn ir-responsabilitajiet.

**3.02 Youth Democracy Project re: funding for Good Causes**

Inqrat l-email mibgħuta minn Ms Anna Grech dwar Youth Democracy Project. Ħadu sehem fid-diskussjoni is-Sindku u l-kunsilliera Marthese Mifsud .

Fl-email tagħha Ms Grech qed tinforma lill-Kunsill li il-Mosta Youth Empowerment ħadu il-fondi mill-Unjoni Ewropeja u qed titlob li huma japplikaw għall-kumplamennt ta' 6,000 Ewros bħala co financing mill-*Good Causes Fund* u mill-MRRA għal dan il-proġett.

3.03 Il-Kunsill irċieva email mis-Sur Francis Falzon dwar applikazzjoni lill-MEPA fuq proġett biex attrazzjonijiet storiċi fl-akwati tal-Katakombi f'Ta' Bistra, Victoria Lines in-nuclear shelter u l-fortizza tal-Mosta jiġu mibdula f'attrazzjonijiet turistiċi. L-email titkellem dwar sirena li kienet fuq il-bejt tat-torri ta' l-arloġġ f'Tarġa Gap li l-Fondazzjoni Wirt Artna kienet ħadet biex tiġi restawrata u wara titpoġġa fil-Mużew tal-Birgu.
L-awtur qed jitlob lill-Kunsill Lokali Mosta u l-Ħarsien Patrimonju Mosti biex jintervjenu biex din is-sirena tibqa' fil-Mosta . Il-Kunsill Lokali għandu jikteb ittra f'dan ir-rigward.

**3.04 Ftehim bejn il-Kunsill u l-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma**

Il-Kunsill irċieva ittra mil-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar ix-xogħol li jsir mill-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma fuq xogħol ta' *patching* ta' trinek. L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali staqsiet lill-Kunsill jekk iridux li ix-xogħol jibqa' jsir minnhom temporanjament biex jingħalqu t-trinek u wara jħallsu lill-Kunsill biex ix-xogħol jerġa' jsir minnhom, jew ix-xogħol tal-patching isir minnhom tajjeb mill-ewwel bla ma jħallsu l-ebda flus lill-Kunsill.

Saret diskussjoni fuq is-suġġett. Ħadu sehem diversi kunsilliera. Is-Sindku qalet li x-xogħol li jsir mill-Korporazzjoni fuq xogħol li qed jissejjaħ minnhom bħala "temporanju " huwa ta' ċerta *standard* u jitqies bħala tajjeb biżżejjed. Is-Sindku semmiet bħala eżempju x-xogħol li għadu kif sar fi Triq is-Sgħajtar.

Ġie deċiż li l-Kunsill jibqa' jaħdem mal-Korporazzjoni l-istess kif qed jaħdem illum jiġifieri x-xogħol isir minnhom "temporanju" u wara jħallsu lill-Kunsill għax-xogħol ta' patching permanenti li jsir mill-Kunsill.

**3.05 Propose meeting by TCTC E Councils and Democracy**

Tkellem is-sur Joe De Martino dwar is-suġġett. Huwa qal li peress li l-materjal wasal għandu xi ftit tard ma kellux ħin biżżejjed biex jidħol fid-dettal fis-suġġett. Biss il-pubbliku jirrispondi ħafna għal dawn il-*courses* u importanti li jibqgħu isiru.

**3.06 PC 00010/12 – MEPA Application reactions by Mosta Local Council for development in tas-Sriedak area.**

Din intbagħtet lil Perit Buhagiar għall-kummenti tiegħu.

**3.07 Għassa ma' Skejjel**

Inqrat ittra mis-Sur Anton Mifsud, President tar-Reġjun Tramuntana mibgħuta lis-Supt. Martin Sammut dwar Sorveljanza ma' l-iskejjel tal-Gvern.

F'laqgħa tar-Reġjun Tramuntana li saret fl-20 ta' Jannar 2012 mal-Kummissarju tal-pulizija, is-Sur John Rizzo, il-Kummissarju qal li s-sorveljanza tal-iskejjel governattivi hi unikament responsabbilita' tal-Pulizija u afferma li fil-każ tal-iskejjel Primarji dan l-obbligu huwa assolut u li fil-każ tal-iskejjel sekondarji din is-sorveljanza ssir biss meta jkun hemm riżorsi umani biżżejjed.

Fl-istess laqgħa kien ġie deċiż li b'effett mill-1 ta' April 2012 ir-Reġjun Tramuntana mhux ser jibqa' jipprovdi Gwardjani biex jissorveljaw id-dħul u l-ħruġ ta' studenti minn skejjel governattivi li jinsabu fil-konfini ta' dan ir-Reġjun. Mill-1 ta' April 2012 din ir-responsabilita' tas-Sorveljanza għaddiet f'idejn il-Pulizija.

Is-Segretarju intalab jistaqsi lis-Sur Anton Mifsud , President tar-Reġjun Tramuntana jekk il-Kunsill Lokali iridx iħallas lill-Pulizija tas-servizz li se jibdew joffru.

**3.08 Petizzjoni imressqa lill-Kunsill minn residenti ta' Triq l-Isperanza, Mosta**

Għalkermm din il-petizzjoni ma kenitx fuq il-korrispondenza ta' din il-laqgħa ingħata permess biex din tiġi diskussa.

Ir-residenti li joqgħodu fi Triq l-Isperanza qed jitolbu sabiex mill-aktar fis din it-triq terġa' tingħalaq għat-traffiku. L-aċċess għad-dħul f'din it-triq għandu jkun biss għal residenti li jkollhom bżonn jidħlu. It-traffiku qed jikkawża ħsara fuq saħħet ir-residenti. Qed isir ħsara fuq il-madum ta' din it-triq li swiet tant flus lill-Kunsill.

Ġie deċiż li jerġgħu jitwaħħlu l-bollards f'din it-triq . Ġa kienet saret talba lil Transport Malta . Is-Segretarju intalab isegwi fejn waslet din it-talba.

**4.00 Tenders li jridu jiġu aġġudikati u ħatra tal-Bord tal-Għażla**

4.01 Is-Sindku ppreżenta lill-kunsilliera lista ta' Tenders li jridu jiġu aġġudikati. Din il-lista qed tiġi mehmuża bħala addendum mal-minuti.

4.02 It-Tenders li għad iridu jiġu aġġudikati ġew maqsuma fi tliet gruppi:

i) Tenders li ħarġu u jistgħu jiġu konklużi (3 tenders)
ii) Tenders li ħarġu imma diffiċli li jiġu konklużi - bżonn ta' *tender administrator expert* and EU/ other fund seeker (5 tenders)
iii) Tenders li l-kuntratti ingħalqu (3 tenders)

4.03 Is-Sindku talbet biex jitwaqqaf il-bord ta' l-għażla ta' l-aġġudikazzjoni fejn qalet li tħoss li għandu jkun kompost minn tliet membri: is-Sindku bħala Chairperson u żewġ membri, wieħed minn kull partit . Hija tistenna li jsiru ż-żewġ nominazzjonijiet.

4.04 Il-kunsillier is-Sur Alex Muscat talab ikun jaf x'tgħid il-liġi dwar il-kompożizzjoni tal-bord tal-Għażla. Is-Sindku wieġbet li dan għandu jkun kompost mill-anqas bi tliet membri fejn wieħed għandu jkun Chairperson. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jkun is-Segretarju ta' dan il-bord iżda ma jkollux vot. Fl-aħħar ir-rapport tal-bord għandu jitressaq quddiem il-Kunsill fejn il-Kunsill għandu jieħu id-deċiżjoni finali.

4.05 Hawn is-Sur Alex Muscat ippropona li il-bord tal-għażla għandu jkun kompost minn ħames membri. Ittieħed vot dwar il-kompożizzjoni tal-Bord. Il-mistoqsija tpoġġiet mis-Sindku fejn talbet li l-bord għandu jkun kompost minn tliet membri.

Il-kunsilliera Alex Muscat, Rachel Tua, Mario Sammut, Brian Bezzina u Kirby Fenech ivvutaw kontra.

Is-Sindku, u l-kunsilliera Joe De Martino, David Meilak, James Cassar, Keith Cassar u Marthese Mifsud ivvutaw favur.

Il-mistoqsija għaddiet b'sitt voti favur u ħamsa kontra.

4.06 Is-Sindku, il-Viċi Sindku Joe De Martino u l-kunsillier Alex Muscat se jkunu l-membri li jikkostitwixxi l-bord ta' l-għażla. Ġie deċiż li kull membru tal-bord jista' jiġi sostitut b'kunsillier ieħor ta' l-għażla tiegħu.

4.07 Dwar Tenders li ħarġu imma diffiċli li jiġu konklużi għax ikun hemm bżonn ta' tender administrator expert and EU /other fund seeker saret dikussjoni dwar kif għandha tkun magħżula din il-persuna.

Is-Sindku, l-avukat Tua, James Cassar u David Meilak tkellmu dwar l-importanza li din il-persuna jkollu potenzjal iġġib fondi mill-Unjoni Ewropeja jew minn sorsi oħra. Sar ftehim li jinħareġ tender għal sejħa ta' persuna /organizazzjoni għal rwol ta' tender administrator / EU/ other funds seeker.

**5.00 Sejħa ta' Applikazzjoni għal żieda fl-Istaff tal-Kunsill**

5.01 Is-Sindku spjegat li l-Kunsill iħaddem miegħu erba' impjegati . Nies impjegati mal-Kunsill suppost hemm tmienja . Għall-volum ta' xogħol li hawn fil-Kunsill tal-Mosta, kien ilu jinħass il-bżonn li l-Kunsill ikollu aktar impjegati jaħdmu miegħu.

5.02 Saret diskussjoni jekk il-Kunsill għandux jimpjega miegħu persuna jew żewġ persuni oħra .

5.03 Ġie deċiż li għalissa il-Kunsill jimpjega miegħu persuna oħra li tgħin kemm fil-*front u fil-back office.*

**6.00 Planning Control 39/2009 – Tad-Dip Area Durumblat ma' Triq il-Mitħna**

6.01 Dan huwa riżultat minn eżerċizju nazzjonali tar-*rationalisation* tal-2006 fejn ċertu plots jingħataw il-permess għall-bini wara deċiżjoni tal-parlament. Il-MEPA bagħtet kopja tal-PC Application u qed titlob risposta tal-Kunsill vis a vis kif dan l-iżvilupp jista' jaffetwa lir-residenti tagħna.

6.02 *The following is the Local Council reply to be sent to Mr Peter Cefai MEPA regarding this application – PC 39/2009:*

1. *Possibility of imposing planning gain in the form of upgrade of the three existing residential roads which are in poor shape – Triq il-Familja Cumbo,Triq Alofju Wignacourt,Triq il-Ballata.*
2. *Introducing provision of bicycle lanes along Triq id-Durumblat and Triq il-Mitħna.*
3. *Designating left over space as a green space adjacent to cemetry.*
4. *Introducing bank guarantees to safeguard the good state of Triq il-Mitħna.*
5. *Provision for runoff rainwater to be collected and re used for landscaping purposes.*
6. *All infrastructural services to be underground and within service channels.*
7. *All front gardens are to be 10 feet in depth.*
8. *Street without front gardens are not accepted .*
9. *Water coming from Ta' Qali and Rabat area via Triq Durumblat should be directed away from tad-Dip area.*

**7.0 District Recreational Park Area Proposal Presentation**

7.01 Il-perit is-Sur Joe Grech konċernat minn dan il-proġett ġie il-Kunsill u għamel preżentazzjoni fuq il-proġett . Il-kunsilliera kienu fil-liberta' jagħmlu mistoqsijiet lill-perit. Fil-laqgħa li jmiss il-kunsilliera għandhom jiġu ippreparati biex tittieħed deċiżjoni.

**8.00 Open Day – Tarġa Battery 13 ta' Mejju 2012**

8.01 Il-Kunsill Lokali tal-Mosta għandu jorganizza *Open Day* f'Tat-Tarġa Battery. F'din l-attivita' se tipparteċipa l-Iscouts tal-Mosta wkoll. Qed isir program intensiv ta' tindif tal-*battery* mill-MRRA u l-Iscouts tal-Mosta u voluntiera Mostin biex il-post ikun nadif u joffri sigurta' lin-nies. Waqt din l-attivita' li se ssir nhar il-Ħadd 13 ta' Mejju se jkun

hemm *guided tours* mal-Battery, lectures u attivitajiet għall-familja kollha. Il-kunsill qiegħed fil-proċess li il-batterija tiġi devoluta lilna mill-Ministeru Għall-Kompetizzjoni Ġusta, Negozji Żgħar u Konsumatur .

8.02 Wara d-devoluzzjoni l-iscouts Mosta jixtiequ jagħmlu mill-Batterija il-Head Quarters tagħhom.

8.03 James Cassar kunsillier bir-responsabilita ta' attivitajiet qed jikkordina din l-attivita'. Il-Kunsillier Keith Cassar bir-responsabilita' ta' għaqdiet u festi qed jgħin f'din l-attivita' wkoll.

8.04 Saret diskussjoni mill-Kunsilliera. Is-Sur Joe De Martino issuġġerixxa li tajjeb wieħed iżomm f'moħħu u jara jekk jistax idaħħal xi fondi għall-Kunsill minn din id-devoluzzjoni.

8.05 Is-Sindku ħabbret li nhar is-Sibt 14 ta' April 2012 wieħed jista' jmur iżur il-post peress li se jkun hemm l-Iscouts u voluntiera jagħmlu xogħol ta' tindif.

**9.0 Kuntatt mar-Residenti**

9.01 Is-Sindku tkellmet dwar l-importanza tal-mezzi elettroniċi u kemm illum wieħed għandu jutilizzahom biex iżomm kuntatt mar-residenti.

9.02 Tkellem il-kunsillier is-Sur Keith Cassar li se jkun responsabbli biex jaħdem fuq il-Website u l-Facebook tal-Kunsill.

**10.00 Informazzjoni mis-Sindku**

10.01 Is-Sindku tat xi informazzjoni lill-kunsilliera. Qalet li qed isir survey fuq l-istat ta' toroq tal-Mosta u dan kien wasal biex jitlesta.

Il-laqgħa spiċċat fl-10.30 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 26 ta' April 2012.

Dott Shirley Farrugia
Sindku

Philip Borg
Aġent Segretarju Eżekuttiv